**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 83/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Maria Dolores Montebello**
***Omissis***

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Maria Dolores Montebello** detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 711951(M) u *Omissis* akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. nhar l-10 ta' Marzu 2019 u fil-ġranet u xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer mingħajr il-ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċitaw dritt li jippretendu li għandhom, ġiegħlu bl-awtorita' tagħhom infushom lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew

fixklu lil Giovanna Vella, Carmela Muscat u Lorenza Vella fil-pussess ta' ħwejjiġhom u ċioè żammew (ċwievet taż-żewġ appartamenti Ave Maria u Shalom fi Pjazza Sittax ta' Settembru, Mosta, ċwievet tal-fond numru 7, Pjazza Sittax ta' Settembru, Mosta, ċwievet ta' Flat 1 u Flat 2 li jinsabu ġewwa Victor Flats, Pjazza Sittax ta' Settembru kantuniera ma' Triq il-Lunzjata, Mosta, ċwievet tat-terran numru 101, Triq Upper Conversion, San Pawl il-Baħar, ċwievet tal-appartament numru 103, Triq Upper Conversion, San Pawl il-Baħar, Karta tal-Identita' ta' Giovanna Vella, *"blue disabled sticker"* u *"yellow card"* ta' Giovanna Vella, set ta' televiżjoni u/jew dokumenti u/jew oġġetti oħra) b'xi mod ieħor kontra il-liġi, jew indaħlu fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor;

2. fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor u ċioè ħsara fuq set ta' televiżjoni liema ħsara tammonta għal madwar mija u ħamsa u disgħin Euro (€195);

**<u>Lil Maria Dolores Montebello waħedha akkużata wkoll talli</u>**:

3. fix-xahar ta' April 2019, wara li kienet avżata kemm bil-fomm kif ukoll b'avviż bil-miktub mill-Pulizija sabiex tattendi f'Għassa tal-Pulizija tal-Mosta, naqset li tattendi f'Għassa sabiex tagħti dak it-tagħrif u/jew ġġib magħha dawn id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinħtieġu fuq xi investigazzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Ġunju 2020 fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputati Maria Dolores Montebello u lil *Omissis* mill-ewwel żewġ imputazzjonijiet, wara li rat Artikolu 355AD tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lil l-imputata Maria Dolores Montebello ħatja tat-tielet (3) imputazzjoni u kkundannatha detenzjoni ta' tmint (8) ijiem. In vista tal-allegazzjoni magħmula ta' użu frawdolenti mill-imputati ta' *disabled card* fuq vann bin-numru ta' reġistrazzjoni EBP 205, l-Ewwel Qorti ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex, minnufih wara li jieħu konjizzjoni tax-xiehda ta' Carmela Muscat u r-ritratti minnha eżebiti fir-

relazzjoni tal-espert tekniku, jinvestiga din l-allegazzjoni. Finalment, l-Ewwel Qorti ordnat ukoll li kopja tal-istess xiehda u ritratti flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbagħtu lill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) għal kull azzjoni li jidhrilhom opportuna.

Rat ir-Rikors tal-appellanti Maria Dolores Montebello ippreżentat fit-30 ta' Ġunju 2020 fejn wara li għamlet riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti talbet lil din il-Qorti sabiex: *"i) filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-imputata mhux ħatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u b'hekk illiberata minn kull piena u ħtija dwarhom, (ii) tħassarha in kwantu sabet ħtija tal-imputata fir-rigward tat-tielet akkuża u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, ħtija w piena, u inoltre (iii) tħassarha f'dik il-parti fejn ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga l-allegazzjoni ta' użu frawdolenti tad-disabled card. Fin-nuqqas li tintlaqa' t-tieni talba, u dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sejbien ta' ħtija fir-rigward t-tielet akkuża, l-appellanti titlob lil dina l-Onorabbli Qori sabiex f'dak il-każ jogħġobha tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatha għal detenzjoni ta' tmint (8) ijiem u minflok tgħaddi sabiex tinfliġġi piena li hija aktar ekwa considerando ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u dan taħt kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet

li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appell tal-appellanti Montebello f'dan il-każ huwa limitat biss għas-sejbien ta' ħtija tagħha dwar it-tielet (3) imputazzjoni liema imputazzjoni temani minn Artikolu 355AD tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont din l-imputazzjoni l-appellanti naqset milli tattendi l-Għassa sabiex tagħti xi tagħrif u tieħu magħha xi dokumentazzjoni li kellha bżonn il-Pulizija.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appell tal-appellanti huwa prinċipalment wieħed ta' apprezzament ta' fatti dwar it-tielet (3) imputazzjoni. Il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi l-appellanti kienet akkużata b'nuqqas ta' ħarsien ta' dak li jipprovdi Artikolu 355AD(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

> "Il-Pulizija tista', bil-fomm jew b'avviż bil-miktub, teħtieġ lil xi persuna li tattendi l-Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li tindikalha sabiex hemm tagħti dak it-tagħrif u ġġib magħha dawk id-dokumenti li l-Pulizija jistgħu jinħtieġu u jekk dik il-persuna hekk tattendi fl-Għassa tal-Pulizija jew post lilha indikat hija għandha titqies bħala li tkun attendiet dik l-Għassa tal-Pulizija jew post ieħor volontarjament. L-avviż bil-miktub imsemmi f'dan is-subartikolu għandu jkun fih twissija dwar il-konsegwenzi li n-nuqqas ta' tħaris iġib miegħu, kif jinsabu msemmija fis-subartikolu (5)."

Illi Artikolu 355AD(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Persuna li tonqos milli tħares xi avviż bil-miktub bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (3) jew li tonqos, meta tkun hekk ġiet mitluba, ukoll jekk biss bil-fomm, li tmur min jeddha ma' uffiċjal tal-Pulizija f'xi Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li jindikalha l-uffiċjal tal-Pulizija għal xi għan imsemmi fis-subartikolu (3) msemmi, tkun ħatja ta' kontravenzjoni punibbli b'detenzjoni u tkun tista' tiġi arrestata minnufih."

Illi fit-tielet (3) imputazzjoni l-appellanti Montebello ġiet mixlija li *"fix-xahar ta' April 2019"* naqset milli tmur l-Għassa tal-Pulizija. Għandu jingħad li mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Fl-affidavit ta' **WPC 343 Daniela Healey** (*a fol.* 12 *et seq.*) jingħad li l-appellanti ntalbet tmur fl-Għassa fil-5 ta' April 2019 u li hija ma marritx u għalhekk PC 926 u PC 544 marru ġewwa r-residenza u ħallewlha *letter to call* biex tmur l-Għassa fis-6 ta' April 2019 bejn 13.00hrs u 20:00hrs jew fis-7 ta' April 2019 bejn 5.00hrs u 13.00hrs. Tispjega li fil-5 ta' April 2019 marret bint l-appellanti l-Għassa ssaqsi fuq il-*letter to call* iżda minħabba d-*data protection* il-Pulizija ma segħetx tagħtieha dettalji. Tgħid li l-appellanti baqgħet ma marritx l-

Għassa fis-6 ta' April 2019 u fis-7 ta' April 2019 u kien hawn li l-Pulizija marru bil-*letter to call* fl-indirizz indikat fil-Karta tal-Identita' tagħha. Tgħid li l-appellanti Montebello naqset milli tagħmel kuntatt mal-Għassa.

- Fuq l-istess linji huwa l-affidavit ta' **PS 1350 Christian Xuereb** (*a fol.* 18 *et seq.*) fejn jingħad li l-appellanti kienet mgħarrfa wkoll dwar id-dritt li jkollha avukat. Jgħid li fil-5 ta' April 2019 bint l-appellanti kienet marret għand il-Pulizija *"fejn hija stqarret li llum 05/04/2019 ma setax tiġi l-Għassa ħabba li l-avukat kien imsiefer ommha mhux se tiġi l-għassa mingħajr avukat"* (*a fol.* 22).

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tagħha l-appellanti tisħaq li t-tielet (3) imputazzjoni ma kinitx ippruvata lil hinn minn kull dubju raġjonevoli u li l-uniċi provi li tressqu kienu żewġ affidavits. Tisħaq li l-*letters to call* ma ġewx eżibiti mill-Prosekuzzjoni u li lanqas ma xehdu l-Pulizija tad-distrett li jissemmew f'dawn l-affidavits. Tisħaq li l-konsulent legali tagħha talab biex jingħata data oħra għall-appuntament u li għalhekk hija kienet qed tipprova żżomm l-appuntament. Tinnega li kienet irċeviet żewġ avviżi bil-miktub u ssostni li l-Prosekuzzjoni naqset li ġġib l-aħjar prova.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li mid-diċitura tal-liġi stess jirriżulta li l-Pulizija tista' tinforma lil dak li jkun bil-fomm u għalhekk m'hemmx għalfejn isir ukoll bil-miktub – għalkemm it-tieni metodu ta' kuntatt jista' jkun aħjar. Għalhekk il-Qorti mhix qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti sakemm għandu x'jaqsam mal-preżentazzjoni tal-aħjar prova għaliex dan sar permezz ta' żewġ affidavits. Isegwi li l-preżentazzjoni tal-*letter to call* ma kinitx waħda indispensabbli biex ikun hemm l-aħjar prova fil-proċeduri. Lanqas m'għandha raġun l-appellanti meta tgħid li l-uffiċjali ma xehdux għaliex setgħet talbet li jittellgħu biex isir l-eżami jew il-kontro-eżami jew it-tnejn.

Illi minkejja dak li ngħad hawn fuq ma jidhirx li l-appellanti naqset li tmur l-Għassa intenzjonalment. Hija xtaqet li jkollha l-avukat tal-għażla tagħha preżenti magħha. Hija mara ta' sebgħin (70) sena u bagħtet anke lil bintha tgħarraf lill-Pulizija għala ma kinitx ser tkun prezenti u talbet ukoll (permezz ta' bintha) il-*letter to call*.

Illi għandu jingħad li meta wieħed jibgħatu għalih il-Pulizija, meta jmur huwa għandu d-dritt li ma jitkellimx jekk ma jkollux l-avukat miegħu. Dan huwa x'suppost għamlet l-appellanti – kellha d-dmir li tmur l-Għassa u tispjega s-sitwazzjoni hemmhekk u l-Pulizija m'hijiex marbuta li bilfors tistenna meta l-avukat isib il-ħin biex jattendi. Biss f'dan il-każ din il-Qorti tqis li l-appellanti ma kellhiex l-intenzjoni li tonqos minn dan id-dmir tant li bagħtet lil bintha f'wieħed mill-jiem indikati lilha.

Illi l-piena fir-rigward ta' Artikolu 355AD(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li tagħha l-appellanti nstabet ħatja fit-tielet (3) imputazzjoni hija dik ta' detenzjoni – liema piena tista' tkun ta' xahrejn skont Artikolu 12 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Meqjus dan u meqjus ukoll il-fatt li din il-Qorti trid tikkonsidra l-element formali tar-'reat' u li dan ma jirriżultax mill-provi minħabba li ma jidhirx li n-nuqqas li l-appellanti tmur l-Għassa sar apposta jew bi sfida, b'hekk isegwi li din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju fuq dan il-punt u b'hekk qed tillibera lill-appellanti mit-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellanti huwa dwar il-piena li hija tqis bħala waħda sproporzjonata. Tgħid li għandha sebgħin (70) sena u li kienet qed tistenna data alternattiva u b'ebda mod ma wriet nuqqas ta' rispett.

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li din il-Qorti laqgħet l-ewwel aggravju tal-appellanti, b'hekk isegwi li l-Qorti qed tilqa' wkoll it-tieni (2) aggravju tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellanti huwa li ġialadarba hija kienet illiberata mill-ewwel żewġ imputazzjonijiet, l-Ewwel Qorti ma kellhiex bażi fuq xiex minn jeddha tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga ulterjorment u dan anki peress li l-allegazzjonijiet magħmula minn Carmela Muscat ma kienux jimmeritaw tali ordni. Tgħid li Carmela Muscat semmiet id-*disabled card* (*a fol.* 49) u eżebiet ritratti (*a fol.* 58) u li minn ħarsa lejn dawn ir-ritratti jidher li din l-allegazzjoni hija bla bażi.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju in eżami u dana peress li jekk *prima facie* jirriżulta xi reat ieħor mill-provi l-Qorti tista' tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga l-allegazzjoni li saret waqt ix-xiehda ta' Carmela Muscat b'dan illi setgħet ukoll tordna li kopja ta' din ix-xiehda u r-ritratti ma' kopja tas-sentenza jintbagħtu lill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita'. B'hekk it-tielet aggravju qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellanti Maria Dolores Montebello u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellanti ħatja tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga l-allegazzjoni magħmula fix-xiehda ta' Carmela Muscat u fejn ordnat li kopja tal-istess xiehda u ritratti flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbagħtu lill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' għal kull azzjoni li jidhrilhom opportuna;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti ħatja tat-tielet (3) imputazzjoni u fejn

ikkundannatha detenzjoni ta' tmint (8) ijiem u minflok tiddikjara lill-appellanti mhux ħatja tagħha u tilliberaha minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

Finalment, din il-Qorti tordna li din is-sentenza tiġi mibgħuta lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita'.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**